# Preċiżjoni

## X'naħseb



- Għandi l-informazzjoni neċessarja?
- Ser nirċievi xi tip ta' 'feedback' dwar ix-xogħol li qed nagħmel?
- Qed naħdem sew? Min jaf x'marka ser inġib?
- Għandi ħin biżżejjed biex nirrevedi xogħli u nikkoreġi xi żbalji li stajt ħadt?

## X'nagħmel



- Nirriċerka u nikteb rapporti dettaljati.
- Nieħu noti dettaljati biex ikolli minn fuq x'hiex nistudja.
- Nuri x'naf billi nwieġeb il-mistoqsijiet mogħtijin f'xi test jew kwiżż.
- Nikkoreġi l-ineżattezzi ta' ħaddieħor u dejjem infittex il-provi li juru li dak li ngħid hu validu.

## X'inħoss



- Inħossni tassew frustrat/a meta ma nkunx naf nagħti l-informazzjoni mitluba minni.
- Niddejjaq meta ma jkollix l-informazzjoni neċessarja jew ma nkunx naf minn fejn nista' niksibha.
- Inħossni frustrat/a meta n-nies ma jispjegawlix fid-dettall x'ikunu qed jistennew minni.
- Inħossni tassew sodisfatt/a meta nipprovdi xogħol eċċellenti u ningħata marki tajbin.